# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 87

IT-TIENI LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 87

It-Tlieta 22 ta' Awwissu 2017

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann

ASSENTI

Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sur Paul Radmilli – Kunsillier Tas-Sliema
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 87.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

87.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Stephen Sultana u tas-Sur Dominic Cassar u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 87.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

87.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 86 li saret nhar it-Tlieta 19 ta' Lulju 2017, kienu meħuda bħala moqrija.

87.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

## 87.3 Komunikazzjoni mill-President

87.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lil membri preżenti is-sejħa ta' offerti li ġiet ppreparata mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea.

87.3.2 Il-President, is-Sur Fenech Adami, żied jgħid li l-perjodu tal-kuntratt għandu jkun għal tmintax-il xhar minn mindu jiġi ffirmat l-kuntratt bejn il-kuntrattur u r-Reġjun flok ikun hemm data stabbilita.

87.3.4 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 87.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

87.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lil membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

87.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

## 87.5 Rapporti

87.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lil membri preżenti li ma kien hemm l-ebda rapport x'jitressaq f'din il-laqgħa.

## 87.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***Parteċipazzjoni fil-European Week of Regions and Cities 2017***

87.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, irrefera għal korrispondenza li kienet mibgħuta

mingħand l-EU and International Affairs Unit sabiex kull Reġjun jibgħat żewġ rappreżentanti – persuna eletta (sindku jew Kunsillier) u Segretarju Eżekuttiv.

87.6.2 Dan ir-Reġjun irċieva applikazzjoni waħda mingħand il-Kunsillier Keith Abela Wadge u l-membri preżenti laqgħu t-talba tiegħu.

87.6.3 Il-President informa li ma kien hemm l-ebda talba imressqa mis-Segretarji Eżekuttivi fi ħdan ir-Reġjun u għal din ir-raġuni ser tmur is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sinjura Jeanette Galea. F'każ li s-Sinjura Galea ma tkunx tista' t'attendi, kien hemm qbil bejn il-membri sabiex imur is-Sur Danilo Bezzina bħala rappreżentant tar-Reġjun.

- *Aġġornament fuq l-Inizjattiva Finanzjarja – Għoti mill-Ġdid ta' Tarmak lil Toroq fir-Responsabiltà tal-Kunsilli Lokali*

87.6.4 Il-President informa lil membri li dan ir-Reġjun ressaq disa' applikazzjonijiet lid-Dipartiment għal Gvern Lokali. Fakkar ukoll li dawn il-Kunsilli Lokali għandhom jistennew l-approvazzjoni uffiċċjali mingħand id-Direttur qabel ma jipproċedu peress li dawn l-applikazzjonijiet jinsabu għand il-Bord ta' l-Evalwazzjoni.

- *Ittri Legali dwar il-multi pendenti*

87.6.5 Il-President spjega kif nhar il-Ġimgħa 7 ta' Lulju 2017 dan ir-Reġjun irċieva talba mingħand il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera sabiex jintbagħtu l-ittri legali mill-avukat Dott Sladden. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, infurmat lill-avukat sabiex jipproċedi u dawn l-ittri ntbagħtu nhar it-Tnejn 17 ta' Lulju 2017.

87.6.6 Il-President fakkar li kien hemm żewġ Kunsilli Lokali (Gżira u San Ġwann) li baqgħu ma avviċinawx lil dan ir-Reġjun sabiex jinħarġu dawn l-ittri legali.

- *Aġġornament fuq l-għeluq tal-Kumitati Konġunti*

87.6.7 Il-President informa lil membri li s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sinjura Galea, attendiet għall-laqgħa mad-Direttur tad-DLG kif ukoll mas-Segretarji Eżekuttiv tar-Reġjuni l-oħra nhar il-Ħamis 22 ta' Ġunju 2017.

87.6.8 F'din il-laqgħa s-Segretarji Eżekuttivi għaddew id-dokumenti (minuti u rapport finanzjarji) tal-Kumitati Konġunti lid-Direttur. F'din il-laqgħa id-Direttur spjega li d-Dipartiment kien qed jippreapra rapport dwar l-informazzjoni provduta sabiex tintbagħat lill-NAO. Meta id-DLG ikollu struzzjoni mill-NAO, dan għandu jinfurma lir-Reġjuni immedjatament.

- *Kuntratti ta' żmien il-Kumitati Konġunti*

87.6.9 Il-President spjega kif fir-rapport ta' l-awdituri dan ir-Reġjun kien qiegħed jiġi imwissi dwar il-kuntratti tal-kirjiet li kienu saru fi żmien il-Kumitati Konġunti. Ftit xhur qabel ma sar l-aħħar awditjar, is-Segretarju Eżekuttiv kienet staqsiet lid-Dipartiment għal proċeduri. Id-Dipartiment kien infurmana li peress li l-uffiċċini huma mikrija, dan ir-Reġjun m'għandhux għalfejn joħroġ sejħa għall-offerti imma jista' jressaq espressjoni ta' interess fil-gazzetta sabiex wieħed jara x'inhu offrut fis-suq lokali, jew il-kuntratti skaduti għandhom jiġu riveduti u aġġornati mill-aktar fis possibli.

87.6.10 Kien hemm qbil unanimu sabiex is-Segtretarju Eżekuttiv issaqi lis-Sur Dorian Sciberras sabiex jgħatina direzzjoni dwar dan.

- *Laqgħa fuq il-BYE-LAWS*

87.6.11 Il-President informa lill-membri preżenti li għandha ssir laqgħa bejn il-membri flimkien ma' Dott. Sladden f'Settembri 2017.

87.6.12 Il-membri preżenti qablu li din il-laqgħa għandha ssir nhar is-26 ta' Settembru 2017 fl-4:00pm, qabel ma tibda l-laqgħa tar-Reġjun.

- *Kuntratt ma' Keyin Computer Services Ltd.*

87.6.13 Peress li r-Reġjun ingħata servizz tajjeb mingħand din il-kumpanija, il-membri preżenti qablu li l-kuntratt għandu jsir għal sena oħra bl-istess rata u kundizzjonijiet.

- *Ittra lil Dott. Owen Bonnici*

87.6.14 Il-President infurma lill-membri li fil-jiem li għaddew is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ittra lil Dott. Bonnici hekk kif kien ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun sabiex tinfurmah dwar il-pozzizzjoni finanzjarja tar-Reġjun.

87.6.15 Is-Segtretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li resqet talba għal laqgħa mad-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard. Is-Sur Attard spjega li l-istat finanzjarju tar-Reġjun qed jiġi diskuss fuq livel ministerjali u għandu jkellimna lura hekk kif ikun hemm direzzjoni.

- *Risposta mingħand il-Kamra tal-Periti*

87.6.16 Kif kien ġie mitlub fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun, is-Segretarju Eżekuttiv għamlet kuntatt mal-Vici President, il-Perit Simone Vella Lenicker. Hija spjegat li wieħed għandu jirreferi għal *Tariff K* mill-liġi tal-Periti.

87.6.17 Madankollu peress li l-kuntratti tal-Kunsilli Lokali mhumiex kollha l-istess, il-Perit Vella Lenicker offriet l-għajnuna tagħha sabiex tkun tista' tevalwa l-kuntratt tal-Kunsill Lokali u b'hekk tkun f'pużżizjoni aħjar sabiex tispjega s-sitwazzjoni lill-Kunsill ikkonċernat.

- *Ir-rapport tar-Risk Assessment*

87.6.18 Il-President qal li is-Sinjura Maris Farrugia (MBF and Co-Inline Management of Health and Safety) żaret l-uffiċċji tar-Reġjun u preżentat rapport. Fil-jiem li ġejjin is-Sinjura Farrugia ser tiltqagħa mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex tingħata spjegazzjoni ċara ta' x'azzjonijiet għandhom jittieħdu sabiex il-postijiet ikunu aktar siguri għal ħaddiema.

- *Korrispondenza mingħand il-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema*

87.6.19 Nhar il-31 ta' Lulju 2017, dan il-Kunsill infurmana li l-fondi ntnefqu f'manutenzjoni ġenerali kif ukoll *upgrading* ta' xogħolijiet fil-Ġnien l-Indipendenza għas-somma totali ta' €73,000. Ġejna nfurmati wkoll li fix-xhur li ġejjin ser isir manutenzjoni fuq il-ħitan, bankijiet u l-umbrellel li hemm f'dan il-ġnien. L-istima għal dawn ix-xogħoliiet hija dik ta' €75,000.

87.6.20 Kien hemm approvazzjoni dwar dan mill-membri preżenti.

## 87.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

87.7.1 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondata mis-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 84A u 84B.

87.7.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 87.8 **Mozzjonijiet**

87.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 87.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

87.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:15 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 26 ta' Settembru 2017 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 26 ta' Settembru, 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |